2026/1845

23.7.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/1845

tat-23 ta' Lulju 2026

li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK [1].

(2) Fir-Riżoluzzjoni ES-11/7 tagħha, adottata fl-24 ta' Frar 2025, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fakkret fil-ħtieġa għal implimentazzjoni sħiħa tar-riżoluzzjonijiet rilevanti tagħha adottati b'rispons għall-aggressjoni kontra l-Ukrajna, b'mod partikolari t-talba tagħha li l-Federazzjoni Russa tirtira immedjatament, kompletament u mingħajr kundizzjonijiet, il-forzi militari kollha tagħha mit-territorju tal-Ukrajna fil-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha, u t-talba tagħha għal waqfien immedjat tal-ostilitajiet mill-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, b'mod partikolari kwalunkwe attakk kontra persuni ċivili u oġġetti ċivili.

(3) Sakemm l-azzjonijiet illegali mill-Federazzjoni Russa jkomplu jiksru r-regoli fundamentali tad-dritt internazzjonali, inkluż, b'mod partikolari, il-projbizzjoni fuq l-użu tal-forza minquxa fl-Artikolu 2(4) tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, jew tad-dritt umanitarju internazzjonali, huwa xieraq li jinżammu fis-seħħ il-miżuri kollha imposti mill-Unjoni u jittieħdu miżuri addizzjonali, jekk neċessarju.

(4) Fid-dawl tal-aggressjoni kontinwa u li qed teskala tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, u b'mod partikolari l-kampanja militari brutali reċenti mmirata deliberatament lejn l-infrastruttura ċivili, inkluż il-faċilitajiet tal-enerġija, tal-ilma u tas-saħħa, li kkawżat tbatija serja lill-popolazzjoni ċivili u li għandha l-għan li ddgħajjef ir-reżiljenza tal-Ukrajna, il-Kunsill iqis li huwa neċessarju li jiġu adottati aktar miżuri restrittivi.

(5) B'mod partikolari, il-Kunsill iqis li 48 persuna u 168 entità jenħtieġ jiżdiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.

(6) Huwa xieraq li tiġi introdotta deroga mill-iffriżar tal-assi u l-projbizzjoni fuq it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' fondi u riżorsi ekonomiċi għal xi entitajiet dežinjati speċifiċi. Id-deroga hija mfassla biex tippermetti pagament dovut minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness jew minn fornitur tal-assigurazzjoni bħala riżultat ta' riskju li għalih huma responsabbli.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2014/145(1)/oj).

(7) Huwa xieraq ukoll li jiġu introdotti derogi addizzjonali mill-iffriżar tal-assi u l-projbizzjoni fuq it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' fondi u riżorsi ekonomiċi għal xi persuni dežinjati speċifiċi. Dawk id-derogi huma limitati b'mod strett biex jippermettu lil operatur tal-Unjoni jeżerċita obbligu kuntrattwali preeżistenti speċifiku, li jirriżulta minn ftehim konkluż fl-2015 qabel l-impożizzjoni ta' kwalunkwe miżura restrittiva applikabbli. Dawk id-derogi ma jdgħajfux l-objettivi ġenerali tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK u tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 ([2]) u huma ġġustifikati biss mill-ħtieġa li tiġi indirizzata konsegwenza avversa mhux intenzjonata għal operatur tal-Unjoni.

(8) Huwa xieraq li tiġi introdotta eżenzjoni mill-iffriżar tal-assi u l-projbizzjoni fuq it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' fondi u riżorsi ekonomiċi għal persuni dežinjati biex tippermetti t-tkomplija tal-operat tat-trasport bil-ferrovija meħtieġ, bejn ir-Russja u l-Unjoni, li jgħaddi mill-Unjoni, u fir-Russja. L-introduzzjoni ta' dik l-eżenzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni każ b'każ tal-kontroll ta' persuni dežinjati fuq entitajiet mhux dežinjati.

(9) Huwa xieraq ukoll li tiġi introdotta eżenzjoni mill-iffriżar tal-assi u l-projbizzjoni fuq it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' fondi u riżorsi ekonomiċi għal ċerti entitajiet dežinjati biex jippermettu t-tkomplija tal-operat tal-proġett Paks II u biex jevitaw li jimminaw is-sikurezza u s-sigurtà nukleari.

(10) Il-leġiżlazzjoni u l-prattika tal-qorti tar-Russja jippermettu lill-persuni jressqu talba quddiem ċerti qrati Russi, li mbagħad jasserixxu ġuriżdizzjoni fuq tilwim u jrendu sentenzi kontra kumpaniji tal-Unjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' kuntratti jew tranżazzjonijiet affettwati minn miżuri restrittivi tal-Unjoni. Konsegwentement, l-evidenza turi li persuni, entitajiet jew korpi Russi, jew persuni, entitajiet jew korpi li jaġixxu permezz ta' jew f'isem wieħed minn dawk il-persuni, entitajiet jew korpi Russi, jew li għandhom sjieda ta', jew huma kkontrollati minn, tali persuni, entitajiet, jew korpi, - ifittxu jew jistgħu jfittxu li jibdew u jsegwu proċeduri legali b'konnessjoni mal-miżuri imposti skont id-Deċiżjoni 2014/145/PESK jew id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK ([3]) jew ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 ([4]) jew ir-Regolament (UE) Nru 269/2014, jew ifittxu jew jistgħu jifittxu li jiksbu rikonoxximent jew infurzar ta' sentenzi maħruġa permezz ta' tali proċeduri legali. Sabiex tiġi ppreservata l-effettività tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, jeħtieġ li l-Unjoni tieħu azzjoni biex timmitiga l-effett ta' tali prattiki, billi tirrikjedi lill-Istati Membri biex ma jirrikonoxxux jew ma jinfurzawx kwalunkwe mandat ta' inibizzjoni, ordni, rimedju, sentenza jew deċiżjoni oħra tal-qorti jew deċiżjoni amministrattiva mogħtija minn qorti jew awtorita' Russa b'konnessjoni ma' kwalunkwe kuntratt jew tranżazzjoni li l-prestazzjoni tagħha ġiet affettwata direttament jew indirettament, kompletament jew parzjalment, mill-miżuri imposti skont id-Deċiżjoni 2014/145/PESK jew ir-Regolament (UE) Nru 269/2014.

(11) Meta l-applikazzjoni tal-miżuri imposti skont id-Deċiżjoni 2014/145/PESK tirriskja li tiġġenera benefiċċji ekonomiċi indebiti għall-persuni, l-entitajiet jew il-korpi elenkati, din tista' timmina l-effettività u l-objettivi tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja tali każijiet u tippreżenta l-valutazzjoni tagħha lill-Kunsill mingħajr dewmien żejjed u r-Rappreżentant Għoli jenħtieġ li tagħmel, fejn xieraq, proposti biex jiġi evitat l-għoti ta' benefiċċji mhux intenzjonati lill-persuni, entitajiet jew korpi elenkati. Jenħtieġ li l-Kunsill jeżamina tali proposti bil-ħsieb li jadotta l-miżuri meħtieġa fil-qafas tas-sanzjonijiet mal-ewwel opportunità, sabiex jiġu evitati benefiċċji ekonomiċi indebiti li jakkumulaw għall-persuni, l-entitajiet jew il-korpi elenkati.

(12) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/145/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2014/145/PESK hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"28a. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness skont il-paragrafu 1, punt (k) ta' dan l-Artikolu, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil dawk il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi skont dawk il-kundizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li:

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/269/oj). .

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2014/512/oj).

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/833/oj).

(a) tali rilaxx jew t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi huwa meħtieġ biex ikun possibbli pagament dovut minn dawk il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi elenkati fl-Anness skont il-paragrafu 1, punt (k) ta' dan l-Artikolu jew minn fornitur tal-assigurazzjoni bħala riżultat ta' riskju li għalih dawk il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi elenkati fl-Anness skont il-paragrafu 1, punt (k) ta' dan l-Artikolu jkunu responsabbli, li għandu jsir lil entità stabbilita fl-Unjoni, f'pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea, fl-Iżvizzera jew f'pajjiż sieħeb kif elenkat fl-Anness VII tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK, jew lil ċittadin jew resident ta' Stat Membru, ta' pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea, tal-Iżvizzera jew ta' pajjiż sieħeb kif elenkat fl-Anness VII tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK, u mhux elenkat fl-Anness; u

(b) tali pagament jikkostitwixxi l-indennizz jew il-benefiċċju pprovdut wara l-materjalizzazzjoni ta' riskju li għalih ikunu responsabbli dawk il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi elenkati fl-Anness skont il-paragrafu 1, il-punt (k) ta' dan l-Artikolu.";

(b) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"37. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu, skont dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, jawtorizzaw:

(a) id-disponiment jew it-trasferiment ta' ishma, parteċipazzjonijiet jew strumenti azzjonarji oħra minn istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fl-Unjoni lil entità stabbilita fl-Unjoni li, qabel tali trasferiment, tkun tappartjeni bi sjieda minoritarja, direttament jew indirettament, b'mod individwali jew konġunt, lil wieħed jew liż-żewġ individwi elenkati fl-entrati numri 674 u 675 taħt l-intestatura 'Persuni' fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, meta t-trasferiment jirriżulta f'żieda fil-parteċipazzjonijiet azzjonarji ta' wieħed jew ta' dawk iż-żewġ individwi f'dik l-entità wara li jkun ġie ddeterminat li tali disponiment jew trasferiment jitwettaq abbażi ta' dritt ta' opzjoni put miftiehem kuntrattwalment u eżerċitat kif xieraq qabel it-28 ta' Frar 2022, iżda li jkun għadu ma sarx fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-deroga, dment li kwalunkwe sehem jew parteċipazzjoni ta' dawk l-individwi, inklużi dawk dovuti għal żieda fl-ishma tagħhom wara t-trasferiment, jiġu ffriżati;

(b) ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi li jappartjenu lil, huma proprjetà ta', miżmuma jew ikkontrollati, direttament jew indirettament, b'mod individwali jew konġunt, minn wieħed jew miż-żewġ individwi elenkati fl-entrati 674 u 675 taħt l-intestatura 'Persuni' fl-Anness, jew minn kwalunkwe entità li direttament jew indirettament hija proprjetà ta', ikkontrollata minn jew b'parteċipazzjoni minn dawk l-individwi, jew fondi jew riżorsi ekonomiċi li huma proprjetà ta', miżmuma jew ikkontrollati minn tali individwi f'entitajiet jew istituzzjonijiet ta' kreditu elenkati fl-entrati 198 jew 270 taħt l-intestatura 'Entitajiet' fl-Anness wara li jkun ġie ddeterminat li:

(i) tali rilaxx jew tqegħid għad-dispożizzjoni ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi jitwettaq għall-iskop uniku li jippermetti lill-kontroparti twettaq l-obbligu ta' pagament tagħha dovut lil istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fl-Unjoni skont dritt ta' opzjoni put miftiehem kuntrattwalment u eżerċitat kif xieraq qabel it-28 ta' Frar 2022, iżda li jkun għadu ma ġiex affettwat fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-deroga;

(ii) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi rilaxxati jew li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni jiġu ttrasferiti direttament lill-istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fl-Unjoni b'mod li jissodisfa tali obbligu kuntrattwali; u

(iii) l-istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fl-Unjoni li lilha jitħallas il-korrispettiv mhijiex persuna, entità jew korp elenkat fl-Anness.

38a. Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux japplika għal fondi jew riżorsi ekonomiċi tal-JSC Russian Railways li huma neċessarji għat-trasport bil-ferrovija ta' merkanzija jew persuni, jew il-forniment ta' infrastruttura ferrovjarja relatata, minn JSC Russian Railways bejn ir-Russja u l-Unjoni, fi tranżitu mill-Unjoni, bejn l-Oblast ta' Kaliningrad u r-Russja jew fir-Russja, jew għal fondi jew riżorsi ekonomiċi tal-JSC Russian Railways neċessarji għall-forniment ta' servizzi relatati mal-operat, il-manutenzjoni jew is-sigurtà ta' tali trasport bil-ferrovija.

38b. Il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ma għandux japplika għat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi lill-JSC Russian Railways li huma neċessarji għat-trasport bil-ferrovija ta' merkanzija jew persuni, jew il-forniment ta' infrastruttura ferrovjarja relatata, minn JSC Russian Railways bejn ir-Russja u l-Unjoni, fi tranżitu mill-Unjoni, bejn l-Oblast ta' Kaliningrad u r-Russja jew fir-Russja, jew għat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi lill-JSC Russian Railways neċessarji għall-forniment ta' servizzi relatati mal-operat, il-manutenzjoni jew is-sigurtà ta' tali trasport bil-ferrovija.

39. Il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għal fondi jew riżorsi ekonomiċi li jappartjenu lil, huma proprjetà ta', miżmuma jew ikkontrollati mill-entitajiet elenkati taħt in-numri tal-entrati 975, 976 u 977 taħt l-intestatura 'Entitajiet' fl-Anness jew għat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi, direttament jew indirettament, lil jew għall-benefiċċju ta' dawk l-entitajiet, dment li dawk il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu strettament meħtieġa fir-rigward tal-proġett Paks II għal attivitajiet meħtieġa għall-istabbiliment, it-tħaddim, il-manutenzjoni, il-forniment u t-trattament mill-ġdid tal-fjuwil u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili u l-kontinwazzjoni tad-disinn, il-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija ta' faċilitajiet nukleari ċivili f'dak il-proġett.

L-entitajiet li jqiegħdu għad-dispożizzjoni fondi jew riżorsi ekonomiċi lill-entitajiet imsemmija f'dan il-paragrafu għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti tal-Ungerija bi kwalunkwe attività li skontha jintużaw jew jitqiegħdu għad-dispożizzjoni fondi jew riżorsi ekonomiċi fi żmien ġimagħtejn mill-bidu ta' dik l-attivita'. L-Ungerija għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe informazzjoni li tirċievi skont dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn minn meta tirċevi dik l-informazzjoni.";

(2) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 4c*

L-ebda mandat ta' inibizzjoni, ordni, rimedju, sentenza jew deċiżjoni oħra amministrattiva jew tal-qorti skont l-Artikolu 248.1 jew l-Artikolu 248.2, jew derivata minn dawn l-Artikoli tal-Kodiċi tal-Proċedura ta' Arbitraġġ tal-Federazzjoni Russa jew leġiżlazzjoni Russa ekwivalenti, jew mogħtija minn qorti jew awtorità Russa skont kwalunkwe liġi Russa oħra, li żżomm persuna msemmija fl-Artikolu 17, il-punti (c) jew (d) tar-Regolament (UE) Nru 269/2014, responsabbli, kemm f'kuntratt jew f'delitt, jew kwalunkwe bażi legali oħra, jew li tagħti effett, direttament jew indirettament, lil kwalunkwe pretensjoni, dritt jew obbligu allegat kontra tali persuna, inkluż fil-kuntest ta' insolvenza, falliment, ristrutturar jew proċedimenti analogi, b'rabta ma' kwalunkwe kuntratt jew tranżazzjoni li t-twettiq tagħhom ikun ġie affettwat, direttament jew indirettament, kompletament jew parzjalment, mill-miżuri imposti skont din id-Deċiżjoni, ma għandhom jiġu rikonoxxuti, mogħtija effett jew infurzati fi Stat Membru.";

(3) l-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

T. BYRNE

ANNESS

Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK:

Persuni

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"2057.	Andrey Nikolaevich DORONIN bir-Russu: Андрей Николаевич ДОРОНИН	Funzjoni: Direttur Ġenerali u koproprjetarju ta' LLC NTT VOSTOK Nazzjonalità: Russa Sess: Raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 165201193063	Andrey Doronin huwa d-Direttur Ġenerali u l-koproprjetarju ta' Limited liability company Scientific and technical centre Vostok (LLC NTT VOSTOK). LLC NTT VOSTOK hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. LLC NTT VOSTOK tispeċjalizza fil-manifattura ta' armi u munizzjon. Hija tforni prodotti elettroniċi nofshom lesti u komponenti oħra lil JSC IEMZ Kupol. Tipprovdi speċifikament komponenti użati fil-produzzjoni ta' testati tal-UAVs ta' attakk unidirezzjonali Garpiya-A1. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Andrey Doronin qed jappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi huwa involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2058.	Rimma Vladimirovna FALALEYEVA bir-Russu: Римма Владимировна ФАЛАЛЕЕВА	Funzjoni: Direttur Ġenerali u sid ta' LLC TEXTILTECHSNAB Nazzjonalità: Russa Sess: Mara Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 462002313932	Rimma Falaleyeva hija d-Direttur Ġenerali u s-sid ta' LLC TEXTILTECHSNAB. LLC TEXTILTECHSNAB hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. LLC TEXTILTECHSNAB tispeċjalizza fil-bejgħ bl-ingrossa ta' prodotti tat-tessuti. Hija tforni materjali kimiċi lil JSC IEMZ Kupol. Tipprovdi speċifikament komponenti kimiċi mhux ipproċessati użati fil-produzzjoni tal-booster ta' rokit bi propellant solidu użat biex jiġu llanċjati l-UAVs ta' attakk unidirezzjonali Garpiya-A1. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Rimma Falaleyeva qed tappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi hija involuta fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2059.	Evgeniy Vasilievich SAVLEV bir-Russu: Евгений Васильевич САВЛЕВ	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' CJSC TECHNOSVYAZ Nazzjonalità: Russa Sess: Raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 665893469807	Evgeniy Savlev huwa d-Direttur Ġenerali ta' CJSC TECHNOSVYAZ. CJSC TECHNOSVYAZ hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. CJSC TECHNOSVYAZ tispeċjalizza fil-manifattura ta' tagħmir elettriku u ottiku. Hija tforni komponenti elettroniċi lil JSC IEMZ Kupol. Tipprovdi speċifikament lil JSC IEMZ Kupol b'elettronika nofsha lesta u komponenti użati fil-produzzjoni tal-UAV ta' attakk unidirezzjonali Garpiya-A1. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Evgeniy Savlev qed jappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi huwa involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2060.	Oleg Nikolaevich GUSAROVSKY bir-Russu: Олег Николаевич ГУСАРОВСКИЙ	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' LLC ARMORGRUPP Nazzjonalità: Russa Sess: Raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 526303596830	Oleg Gusarovsky huwa d-Direttur Ġenerali ta' LLC ARMORGRUPP. LLC ARMORGRUPP hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. LLC ARMORGRUPP tispeċjalizza fil-manifattura, il-bejgħ u t-tiswija ta' vetturi u semitrejlers. Hija fornitur għall-entità JSC IEMZ Kupol. Tipprovdi materjali u servizzi għall-produzzjoni tal-vettura ta' appoġġ u manutenzjoni tal-UAV ta' attakk unidirezzjonali Garpiya. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Oleg Gusarovsky qed jappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi huwa involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2061.	Insaf Dulfnurovich FAKHRUTDINOV bir-Russu: Инсаф Дульфнурович ФАХРУТДИНОВ	Funzjoni: Direttur Ġenerali u sid ta' LLC LK AUTOLIFE Nazzjonalità: Russa Sess: Raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 183209712425	Insaf Fakhrutdinov huwa d-Direttur Ġenerali u s-sid ta' LLC LK AUTOLIFE. LLC LK AUTOLIFE hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. LLC LK AUTOLIFE hija waħda mill-kumpaniji ewlenin tal-loġistika fir-Russja b'uffiċċji f'diversi bliet. Hija twettaq trasport u komunikazzjonijiet, u attivitajiet ta' trasport ta' appoġġ u awżiljarji. Tforni servizzi ta' loġistika lil JSC IEMZ Kupol. Hija fdata bit-trasport u l-konsenja tal-UAVs Garpiya-A1 u l-komponenti ewlenin tagħhom lejn imtajjar militari qrib il-front bejn ir-Russja u l-Ukrajna. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Insaf Fakhrutdinov qed jappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi huwa involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2062.	Rishat Ilfatovich BASHIROV bir-Russu: Ришат Ильфатович БАШИРОВ	Funzjoni: Direttur u sid ta' LLC AUTOLIFE LOGISTIK Nazzjonalità: Russa Sess: Raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 183209712425	Rishat Bashirov huwa d-direttur u s-sid ta' LLC AUTOLIFE LOGISTIK. LLC AUTOLIFE LOGISTIK hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. LLC AUTOLIFE LOGISTIK hija waħda mill-kumpaniji ewlenin tal-loġistika fir-Russja b'uffiċċji f'diversi bliet. Hija twettaq trasport u komunikazzjonijiet, u attivitajiet ta' trasport ta' appoġġ u awżiljarji. Tforni servizzi ta' loġistika lil JSC IEMZ Kupol. Hija fdata bit-trasport u l-konsenja tal-UAVs Garpiya-A1 u l-komponenti ewlenin tagħhom lejn imtajjar militari qrib il-front bejn ir-Russja u l-Ukrajna. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Rishat Bashirov qed jappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi huwa involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2063.	Andrey Sergeevich SHUBIN bir-Russu: Андрей Сергеевич ШУБИН	Funzjoni: Direttur Ġenerali u koproprjetarju ta' LLC DELMOT Nazzjonalità: Russa Sess: Raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 245206682357	Andrey Shubin huwa d-direttur ġenerali u l-koproprjetarju ta' LLC DELMOT. LLC DELMOT hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. LLC DELMOT tispeċjalizza fil-produzzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tal-magni tal-inġenji tal-ajru. Hija tipparteċipa fl-iżvilupp tal-magna għall-UAV ta' attakk unidirezzjonali Garpiya-A1. Fil-proċess tal-produzzjoni ta' din il-UAV, hija tipprovdi s-servizzi tagħha lill-manifattur ewlieni JSC IEMZ Kupol. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Andrey Shubin qed jappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi huwa involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2064.	Ivan Alekseievich GAICHENYA bir-Russu: Иван Алексеевич ГАЙЧЕНЯ	Funzjoni: Direttur Ġenerali tal-Federal State Unitary Enterprise "Main Center for Special Communications" (FGUP GCSS) Data tat-twelid: 9.10.1967 Nazzjonalità: Russa Sess: Raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 772914217910	Ivan Gaichenya huwa d-Direttur Ġenerali tal-Federal State Unitary Enterprise "Main Center for Special Communications". Federal State Unitary Enterprise "Main Center for Special Communications" hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. Federal State Unitary Enterprise "Main Center for Special Communications" hija kumpanija tal-loġistika li tispeċjalizza fi trasport ta' merkanzija ta' valur għoli u sensittiva. Tforni servizzi ta' loġistika lil JSC IEMZ Kupol. Hija fdata bit-trasport u l-konsenja tal-UAVs Garpiya-A1 u l-komponenti ewlenin tagħhom lejn imtajjar militari qrib il-front bejn ir-Russja u l-Ukrajna. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Ivan Gaichenya qed jappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi huwa involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2065.	Mikhail Andreevich AMBAROV bir-Russu: Михаил Андреевич АМБАРОВ	Funzjoni: Direttur ġenerali ta' LLC Gruppa PROMAVTO Nazzjonalità: Russa Sess: Raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 526097794778	Mikhail Ambarov huwa d-direttur ġenerali u l-koproprjetarju ta' LLC GRUPPA PROMAVTO. LLC GRUPPA PROMAVTO hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. Limited liability company GRUPPA PROMAVTO (LLC GRUPPA PROMAVTO) tispeċjalizza fil-manifattura ta' vetturi u semitrejlers. Hija waħda mis-sottokuntratturi ta' JSC IEMZ Kupol. B'mod speċifiku, hija tforni vetturi ta' skorta speċjalizzati tal-UAV ta' attakk unidirezzjonali Garpiya. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Mikhail Ambarov qed jappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi huwa involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2066.	Sergey Dmitrievich LISKOVICH bir-Russu: Сергей Дмитриевич ЛИСКОВИЧ	Funzjoni: Direttur Ġenerali u sid maġġoritarju ta' LLC LAGGAR PRO Nazzjonalità: Russa Sess: Raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 525902757940	Sergey Liskovich huwa d-Direttur Ġenerali u s-sid maġġoritarju ta' LLC LAGGAR PRO. LLC LAGGAR PRO hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. Limited liability company LAGGAR PRO (LLC LAGGAR PRO) tispeċjalizza fil-manifattura ta' vetturi u semitrejlers. Hija fornitur għal JSC IEMZ Kupol. Tipprovdi materjal u servizzi użati fil-produzzjoni tal-vettura tal-illanċjar tal-UAV ta' attakk unidirezzjonali Garpiya. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Sergey Liskovich qed jappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi huwa involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2067.	Sergey Viktorovich KONDRASHIN bir-Russu: Сергей Викторович КОНДРАШИН	Funzjoni: Direttur Ġenerali u sid ta' LLC MSKA ENGINEERING Nazzjonalità: Russa Sess: Raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 772471315256	Sergey Kondrashin huwa d-Direttur Ġenerali u s-sid ta' LLC MSKA ENGINEERING. LLC MSKA ENGINEERING hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. LLC MSKA ENGINEERING tispeċjalizza fil-produzzjoni ta' xogħlijiet ta' installazzjoni elettrika. Hija tforni wkoll materjali kimiċi lil JSC IEMZ Kupol. Tipprovdi speċifikament komponenti kimiċi mhux ipproċessati użati fil-produzzjoni tal-booster ta' rokit bi propellant solidu użat biex jiġu llanċjati l-UAVs ta' attakk unidirezzjonali Garpiya-A1. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Sergey Kondrashin qed jappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi huwa involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2068.	Sergey Anatolievich SYCHKOV bir-Russu: Сергей Анатольевич СЫЧКОВ	Funzjoni: Direttur Ġenerali tal-open joint stock company "Oborontest" Nazzjonalità: Russa Sess: Raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 772486575828	Sergey Sychkov huwa d-Direttur Ġenerali tal-open joint stock company "Oborontest" (kumpannija b'ishma konġunti). Il-Kumpanija b'ishma konġunti "Oborontest" hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. Il-Kumpanija b'ishma konġunti "Oborontest" hija kumpanija Russa attiva fil-qasam tal-ittestjar tekniku, speċifikament l-ittestjar tar-reżistenza ta' prodotti teknoloġiċi kontra interferenza elettronika, l-impuls tal-kamp manjetiku u l-influwenza ta' fatturi elettromanjetiċi oħrajn. Hija taġixxi bħala fornitur għall-Ministeru tad-Difiża Russu u tipprovdi s-servizzi tagħha lil diversi manifatturi tal-inġenji tal-ajru militari Russi, b'mod partikolari lil PJSC Aviation Complex Ilyushin, JSC TUPOLEV u JSC SUKHOI. Tassisti wkoll matul il-provi fuq il-post tal-UAVs ta' attakk unidirezzjonali Garpiya billi tipprovdi l-għodod li jippermettu l-kejl tat-testijiet tat-titjir. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Sergey Sychkov qed jappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi huwa involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2069.	Aleksander Vladimirovich GARMASHOV bir-Russu: Александр Владимирович ГАРМАШОВ	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC ORBITA Nazzjonalità: Russa Sess: Raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 132600464578	Aleksander Garmashov huwa d-Direttur Ġenerali ta' JSC ORBITA. JSC ORBITA hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. JSC ORBITA tispeċjalizza fil-manifattura ta' tagħmir elettriku u ottiku. Hija tforni komponenti elettroniċi lil JSC IEMZ Kupol. Tipprovdi speċifikament komponenti użati fil-produzzjoni ta' testati tal-UAVs ta' attakk unidirezzjonali Garpiya-A1. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Aleksander Garmashov qed jappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi huwa involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2070.	Elena Evgenievna SERGEEVA bir-Russu: Елена Евгеньевна СЕРГЕЕВА	Funzjoni: Direttur Ġenerali u koproprjetarju ta' LLC POLKOVODETS Nazzjonalità: Russa Sess: Mara Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 502209295762	Elena Sergeeva hija d-Direttur Ġenerali u koproprjetarju ta' LLC POLKOVODETS. LLC POLKOVODETS hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. LLC POLKOVODETS tispeċjalizza fil-manifattura ta' prodotti tal-plastik għall-imballaġġ tal-oġġetti. Hija taġixxi ta' fornitur għal JSC IEMZ Kupol. Tipprovdi speċifikament materjali u komponenti użati fit-trasport ta' testati tal-UAVs ta' attakk ta' UAVs unidirezzjonali Garpiya-A1. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Elena Sergeeva qed tappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi hija involuta fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2071.	Aleksander Nikolaevich SHVETSOV bir-Russu: Александр Николаевич ШВЕЦОВ	Funzjoni: Direttur Ġenerali u sid maġġoritarju ta' LLC SYSTEM INDUSTRIAL GROUP Nazzjonalità: Russa Sess: Raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 471508359527	Aleksander Shvetsov huwa d-direttur ġenerali u s-sid maġġoritarju ta' LLC SYSTEM INDUSTRIAL GROUP. LLC SYSTEM INDUSTRIAL GROUP hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. LLC SYSTEM INDUSTRIAL GROUP tispeċjalizza fil-kummerċ bl-ingrossa u l-kummerċ bil-kummissjoni. Hija taġixxi ta' fornitur għal JSC IEMZ Kupol. Tipprovdi speċifikament materjali u komponenti użati fit-trasport ta' testati tal-UAVs ta' attakk ta' UAVs unidirezzjonali Garpiya-A1. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Aleksander Shvetsov qed jappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi huwa involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2072.	Evgenyi Dmitrievich MALAKHOV bir-Russu: Евгений Дмитриевич МАЛАХОВ	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC NPK SEVERNAYA ZARYA Data tat-twelid: 7.4.1967 Nazzjonalità: Russa Sess: Raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 782609628028	Evgenyi Malakhov huwa d-Direttur Ġenerali ta' JSC NPK SEVERNAYA ZARYA. JSC NPK SEVERNAYA ZARYA hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. JSC NPK SEVERNAYA ZARYA tispeċjalizza fil-manifattura ta' tagħmir elettriku u ottiku. Hija tforni komponenti elettroniċi lil JSC IEMZ Kupol. Tipprovdi speċifikament komponenti użati fil-produzzjoni ta' testati tal-UAVs ta' attakk unidirezzjonali Garpiya-A1. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Evgenyi Malakhov qed jappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi huwa involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2073.	Konstantin Valentinovich MIGALIN bir-Russu: Константин Валентинович МИГАЛИН	Funzjoni: Direttur Ġenerali u koproprjetarju ta' LLC NPF ROTOR Data tat-twelid: 7.10.1956 Nazzjonalità: Russa Sess: Raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 632126749291	Konstantin Migalin huwa d-Direttur Ġenerali u koproprjetarju ta' LLC NPF ROTOR. LLC NPF ROTOR hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. LLC NPF ROTOR tispeċjalizza fil-manifattura u l-provvista ta' katapulti pnewmatiċi, ir-riċerka xjentifika u l-iżvilupp fil-qasam tax-xjenzi naturali u tekniċi. Tipproduċi u tforni katapulti pnewmatiċi installati fuq il-vetturi tal-illanċjar għall-UAVs ta' attakk unidirezzjonali Garpiya-A1. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Konstantin Migalin qed jappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi huwa involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2074.	Evgenyi Yakovlevich SLODKEVICH bir-Russu: Евгений Яковлевич СЛОДКЕВИЧ	Funzjoni: Direttur Ġenerali u koproprjetarju ta' Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata RADIAL FIRM Nazzjonalità: Russa Sess: Raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 772003632171	Evgenyi Slodkevich huwa d-Direttur Ġenerali u koproprjetarju ta' Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata RADIAL FIRM li hija parti mill-industrija tal-armi Russa, settur ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata RADIAL FIRM tispeċjalizza fid-disinn u l-manifattura ta' tagħmir antenna-filter għal baned HF, VHF, UHF professjonali u tar-radju HAM, xandir tar-radju u tat-TV, kostruzzjonijiet antenna-mast u l-manifattura ta' tagħmir ta' komunikazzjoni. Hija tforni servizzi ta' software lil JSC IEMZ Kupol. Tipprovdi speċifikament software abbord għall-kontroll tat-titjir tal-UAV ta' attakk unidirezzjonali Garpiya-A1. Dawn il-UAVs jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Evgenyi Slodkevich qed jappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi huwa involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2075.	Ruslan Georgievich AREFIEV magħruf ukoll bħala Ruslan Georgievich AREFYEV bir-Russu: Руслан Георгиевич АРЕФЬЕВ	Funzjoni: President - President tal-Bord ta' Tmexxija ta' CMRBank; Membru tal-Bord tad-Diretturi ta' CMRBank Abkhazia Data tat-twelid: 20.3.1974 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 502770344505 Numru tal-Passaport: 4518402005	Ruslan Arefiev huwa eżekuttiv bankarju Russu li jservi bħala President – President tal-Bord ta' Tmexxija ta' CMRBank, istituzzjoni finanzjarja attiva fit-territorji Ukreni okkupati soġġetta għal miżuri restrittivi tal-Unjoni, u bħala membru tal-Bord tad-Diretturi ta' CMRBank Abkhazia. Qabel kellu pożizzjonijiet għolja fir-Russian National Commercial Bank (RNCB). Ruslan Arefiev jaqdi rwol ewlieni fl-integrazzjoni tat-territorji Ukreni okkupati illegalment fis-sistema finanzjarja tar-Russja. Mill-2014 'il quddiem, minħabba r-rwoli ta' tmexxija tiegħu fl-RNCB u aktar tard f'CMRBank, huwa akkużat li organizza u espanda fergħat bankarji fil-Krimea, Donetsk, Luhansk, Kherson, u Zaporizhzhya okkupati. Bħala kap ta' banek issorveljati mill-Bank Ċentrali tar-Russja, huwa ssorvelja istituzzjonijiet li jimplimentaw miżuri finanzjarji diretti mill-Kremlin, inkluż ir-"rublizzazzjoni", kif ukoll is-sostituzzjoni tal-infrastruttura bankarja Ukrena u l-integrazzjoni tat-territorji okkupati fis-sistemi Russi ta' pagament u saldu. Dawn l-azzjonijiet ippermettew lill-awtoritajiet Russi jikkonsolidaw il-kontroll amministrattiv, ekonomiku u militari tagħhom fuq ir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna. Għalhekk, Ruslan Arefiev qed jappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa responsabbli għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2076.	Sergey Vladimirovich BELOV bir-Russu: Сергей Владимирович БЕЛОВ	Funzjoni: Viċi Gvernatur tal-Bank Ċentrali tar-Russja Data tat-twelid: 14.9.1970 Post tat-twelid: Tambov, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Sergey Belov huwa l-Viċi Gvernatur tal-Bank Ċentrali tal-Federazzjoni Russa (Bank of Russia). Fi ħdan il-Bank of Russia, huwa jissorvelja d-Dipartiment taċ-Ċirkolazzjoni tal-Flus Kontanti, id-Dipartiment tal-Istituzzjonijiet fuq il-Kamp, id-Dipartiment Amministrattiv, u l-Unjoni Russa tad-Diviżjonijiet tal-Ġbir tal-Flus Kontanti (ROSINKAS). Bħala Viċi Gvernatur, huwa jmexxi l-istituzzjonijiet fuq il-kamp qrib żoni tal-front li jipprovdu servizzi bankarji lill-forzi Russi u lit-territorji okkupati, u b'hekk jiffaċilita t-trasferiment furzat lejn ir-rublu Russu. Barra minn hekk, il-Bank Ċentrali fetaħ fergħat fir-reġjuni Ukreni annessi u ffaċilita l-espansjoni tal-banek marbuta mal-istat, filwaqt li integra t-territorji okkupati fis-sistema finanzjarja tar-Russja. Għalhekk, Sergey Belov huwa responsabbli għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2077.	Alexander Viktorovich ARZAMASTSEV magħruf ukoll bħala Aleksandr Viktorovich ARZAMASTSEV bir-Russu: Александр Викторович АРЗАМАСЦЕВ	Funzjoni: Sid ta' LLC "ECOPROM" Data tat-twelid: 23.9.1961 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Alexander Arzamastsev huwa s-sid waħdieni ta' LLC "ECOPROM", kumpanija Russa li timmanifattura vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAVs) b'pilotaġġ immersiv (FPV) tas-serje Bekas, inkluż il-mudelli Bekas-700, Bekas-2500, Bekas-3500, Bekas-4500 u li għandha d-dritt għat-trademark "Bekas". Dawn il-UAVs kollha jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. LLC "ECOPROM" timmanifattura wkoll kits speċjali għall-UAVs tagħha tas-serje Bekas. Għalhekk,Alexander Arzamastsev, bħala s-sid waħdieni ta' LLC "Ecoprom" qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Peress li l-kumpanija hija fornitur ta' tagħmir militari lill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa, Alexander Arzamastsev qed jappoġġja materjalment il-kumpless militari u industrijali tar-Russja.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2078.	Aleksander Viktorovich RUDIK magħruf ukoll bħala Aleksandr Viktorovich RUDIK bir-Russu: Александр Викторович РУДИК	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' LLC "ECOPROM" Data tat-twelid: 11.4.1966 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Alexander Rudik huwa d-Direttur Ġenerali ta' LLC "ECOPROM", kumpanija Russa li timmanifattura vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAVs) b'pilotaġġ immersiv (FPV) tas-serje Bekas, inkluż il-mudelli Bekas-700, Bekas-2500, Bekas-3500, Bekas-4500 u li għandha d-dritt għat-trademark "Bekas". Dawn il-UAVs kollha jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. LLC "ECOPROM" timmanifattura wkoll kits speċjali għall-UAVs tagħha tas-serje Bekas. Għalhekk, fir-rwol tiegħu bħala d-Direttur Ġenerali ta' LLC "ECOPROM", Alexander Rudik qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Peress li l-kumpanija hija fornitur ta' tagħmir militari lill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa, Alexander Rudik qed jappoġġja materjalment il-kumpless militari u industrijali tar-Russja.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2079.	Andrey Ivanovich SCHNEIDER magħruf ukoll bħala Andrey SCHNEIDER bir-Russu: Андрей Иванович ШНАЙДЕР magħruf ukoll bħala Андрей ШНАЙДЕР	Funzjoni: Kofundatur u koproprjetarju ta' "Svetofor Group" Data tat-twelid: 9.2.1974 Post tat-twelid: Germany Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 246403033635 Persuni assoċjati: Sergey Ivanovich Schneider; Valentina Emmanuiovna Schneider	Andrey Schneider huwa imprenditur Russu, il-kofundatur u koproprjetarju ta' Svetofor Group, li jmexxi aktar minn 2 200 ħanut ta' roħs fir-Russja u barra mill-pajjiż taħt ditti bħal Svetofor, Mere, u MyPrice. In-negozju tal-familja jinvolvi lil ħuh Sergey u lil ommu Valentina. Il-kumpanija hija strutturata permezz ta' mijiet ta' LLCs taħt id-ditta Torgservice Group of Companies. Andrey Schneider huwa wkoll il-kofundatur ta' Torgservice Group of Companies, li tmexxi l-katina ta' roħs Svetofor. Il-katina Svetofor hija waħda mill-akbar ħames ktajjen tal-merċa fir-Russja. L-imperu ta' ħwienet ta' Schneider jaqdi rwol sinifikanti fl-appoġġ tal-ekonomija domestika tar-Russja. Svetofor Group, parti mit-Torgservice Group of Companies, ilu jopera fil-Krimea okkupata mill-2014 u qed ikompli jmexxi l-ħwienet ta' roħs tiegħu Svetofor u Mayak fit-territorji Ukreni okkupati fosthom il-Krimea, Kherson, Luhansk, Donetsk. Is-sit web uffiċjali ta' Svetofor jelenka lill-Krimea bħala parti mir-Russja, u b'hekk jallinja man-narrattiva tal-Kremlin, u jikkonferma li l-ħwienet hemmhekk ilhom attivi minn Mejju 2024. Għalhekk, Andrey Schneider huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja. Għaldaqstant, Andrey Schneider huwa persuna fiżika li tappoġġa, b'mod materjali jew finanzjarju, azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2080.	Sergey Ivanovich SCHNEIDER magħruf ukoll bħala Sergey SCHNEIDER bir-Russu: Сергей Иванович ШНАЙДЕР magħruf ukoll bħala Сергей ШНАЙДЕР	Funzjoni: Kofundatur u koproprjetarju ta' "Svetofor Group" Data tat-twelid: 16.6.1966 Post tat-twelid: Germany Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 246000069678 Persuni assoċjati: Andrey Ivanovich Schneider; Valentina Emmanuiovna Schneider	Sergey Schneider huwa biljunarju Russu, imprenditur, kofundatur u koproprjetarju ta' Svetofor Group, li jmexxi aktar minn 2 200 ħanut ta' roħs fir-Russja u barra mill-pajjiż taħt ditti bħal Svetofor, Mere, u MyPrice. In-negozju tal-familja jinvolvi wkoll lil ommu Valentina u ħuh Andrey. Il-kumpanija hija strutturata permezz ta' mijiet ta' LLCs taħt id-ditta Torgservice Group of Companies. Sergey Schneider huwa wkoll il-kofundatur ta' Torgservice Group of Companies, li tmexxi l-katina ta' roħs Svetofor. Il-katina Svetofor hija waħda mill-akbar ħames ktajjen tal-merċa fir-Russja. L-imperu ta' ħwienet ta' Schneider jaqdi rwol sinifikanti fl-appoġġ tal-ekonomija domestika tar-Russja. Svetofor Group, parti mit-Torgservice Group of Companies, ilu jopera fil-Krimea okkupata mill-2014 u qed ikompli jmexxi l-ħwienet ta' roħs tiegħu Svetofor u Mayak fit-territorji Ukreni okkupati fosthom il-Krimea, Kherson, Luhansk, Donetsk. Is-sit web uffiċjali ta' Svetofor jelenka lill-Krimea bħala parti mir-Russja, u b'hekk jallinja man-narrattiva tal-Kremlin, u jikkonferma li l-ħwienet hemmhekk ilhom attivi minn Mejju 2024. Għalhekk, Sergey Schneider huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja. Għaldaqstant, Sergey Schneider huwa persuna fiżika li tappoġġa, b'mod materjali jew finanzjarju, azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2081.	Valentina Emmanuiovna SCHNEIDER magħrufa wkoll bħala Valentina SCHNEIDER bir-Russu: Валентина Эммануиовна ШНАЙДЕР magħrufa wkoll bħala Валентина ШНАЙДЕР	Funzjoni: Kofundatur u koproprjetarju ta' "Svetofor Group" Nazzjonalità: Russa Sess: mara Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 244200947887 Persuni assoċjati: Sergey Ivanovich Schneider; Andrey Ivanovich Schneider	Valentina Schneider hija imprenditriċi Russa, kofundatriċi u koproprjetarju ta' Svetofor Group, li jmexxi aktar minn 2 200 ħanut ta' roħs fir-Russja u barra mill-pajjiż taħt ditti bħal Svetofor, Mere, u MyPrice. In-negozju tal-familja jinvolvi wkoll lil ulied Valentina, Andrey u Sergey Schneider. Il-kumpanija hija strutturata permezz ta' mijiet ta' LLCs taħt id-ditta Torgservice Group of Companies. Valentina Schneider hija wkoll il-kofundatriċi ta' Torgservice Group of Companies, li tmexxi l-katina ta' roħs Svetofor. Il-katina Svetofor hija waħda mill-akbar ħames ktajjen tal-merċa fir-Russja. L-imperu ta' ħwienet ta' Schneider jaqdi rwol sinifikanti fl-appoġġ tal-ekonomija domestika tar-Russja. Svetofor Group, parti mit-Torgservice Group of Companies, ilu jopera fil-Krimea okkupata mill-2014 u qed ikompli jmexxi l-ħwienet ta' roħs tiegħu Svetofor u Mayak fit-territorji Ukreni okkupati fosthom il-Krimea, Kherson, Luhansk, Donetsk. Is-sit web uffiċjali ta' Svetofor jelenka lill-Krimea bħala parti mir-Russja, u b'hekk jallinja man-narrattiva tal-Kremlin, u jikkonferma li l-ħwienet hemmhekk ilhom attivi minn Mejju 2024. Għalhekk, Valentina Schneider hija negozjant ewlieni li topera fir-Russja. Għaldaqstant, Valentina Schneider hija persuna fiżika li tappoġġa, b'mod materjali jew finanzjarju, azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
955.	Zulu Ships Management	Indirizz: Office 105, Madinat Zayed Tower, Muroor Road, Abu Dhabi, United Arab Emirates Post tar-reġistrazzjoni: Abu Dhabi, United Arab Emirates Post prinċipali tan-negozju: Abu Dhabi, United Arab Emirates Numru tar-reġistrazzjoni tal-OMI: 6509771	Zulu Ships Management hija kumpanija tat-tbaħħir ibbażata fl-Emirati Għarab Magħquda, li timmaniġġa tankers li jittrasportaw żejt mhux maħdum Russu, anke għal finijiet ta' esportazzjoni. Il-kumpanija timmaniġġa tmien tankers taż-żejt soġġetti għal miżuri restrittivi tal-Unjoni, li minnhom tal-inqas wieħed ittrasporta żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum li joriġinaw mir-Russja jew li jiġu esportati mir-Russja filwaqt li wettaq prattiki ta' tbaħħir irregolari u b'riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. Għalhekk, Zulu Ships Management hija entità li tipprovdi appoġġ materjali lil bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum li joriġinaw mir-Russja jew li jiġu esportati mir-Russja, u li tipprattika prattiki ta' tbaħħir irregolari u ta' riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192 (33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
956.	LLC "Design Bureau Aviatekhnolab" magħrufa wkoll bħala LLC "KB ATL" bir-Russu: ООО "Конструкторское бюро Авиатехнолаб" magħrufa wkoll bħala LLC "DB ATL" magħrufa wkoll bħala ООО "КБ АТЛ"	Indirizz: 125080, Moscow, ext. ter. Sokol municipal district, Volokolamskoe highway, 2, premises. 1/1 Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 23.10.2024 OGRN: 1247700699949 INN: 7743459220 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Telefown: +7 495 143 60 70; +7 900 147 41 96 Posta elettronika: Sales@kb-atl.ru Kanal Telegram: https://t.me/KB_ATL_FPV Sit web: https://kb-atl.ru/	LLC "Design Bureau Aviatekhnolab" hija kumpanija Russa involuta fl-iżvilupp u l-produzzjoni serjali ta' sistemi tal-ajru mingħajr bdot abbord, inkluż drones ta' attakk tal-Pilotaġġ Immersiv (First Person View, FPV), hexacopters tqal, stazzjonijiet ta' kontroll fuq l-art, tagħmir ta' komunikazzjoni, u pjattaformi ta' relay mill-ajru. Il-kumpanija tiddikjara li topera ċiklu ta' produzzjoni intern sħiħ, bis-sistemi tagħha evalwati mill-Kunsill Tekniku tal-ONF u ttestjati għall-kumbattiment mill-Ministeru għad-Difiża Russu qabel ma jiġu rrakkomandati għall-akkwist. Il-portafoll tal-prodotti tagħha jinkludi d-droni Ikar FPV, l-hexacopter tqil Gorgona għall-missjonijiet ta' estrazzjoni minerarja, ta' attakki u ta' loġistika, ir-relay tal-ajru Perseus għal operazzjonijiet fuq medda estiża, u l-istazzjon ta' kontroll fuq l-art Helios, li hu rrappurtat li kollha ġew skjerati minn unitajiet militari Russi fil-gwerra kontra l-Ukrajna. LLC "Design Bureau Aviatekhnolab tipprovdi wkoll taħriġ u appoġġ tekniku lill-operaturi u tirrapporta l-iżvilupp kontinwu ta' kapaċitajiet ta' rikonoxximent tal-bersalli u ta' rikonjizzjoni u attakki awtonomi abilitati bl-IA. Għalhekk, permezz tal-iżvilupp, il-produzzjoni, il-provvista, u l-appoġġ operazzjonali ta' sistemi tal-UAVs b'kapaċità ta' ġlied użati mill-militar Russu, LLC "Design Bureau Aviatekhnolab" tipprovdi appoġġ materjali u teknoloġiku lill-Forzi Armati Russi, u b'hekk tappoġġja azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.7.2026

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/1845/oj

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
957.	JSC "Electroavtomatika" bir-Russu: АО "Электроавтоматика	Indirizz: 355008, Russian Federation, Stavropol region, Stavropol, Zavodskaya St., 9 Tip ta' entità: Kumpanija b'ishma konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 30.11.1992 Numru prinċipali ta' reġistrazzjoni tal-istat: 1022601979894 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 2636008464 Kodiċi tar-raġuni tar-reġistrazzjoni: 631201001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	JSC "Elektroavtomatika" hija l-kuntrattur ewlieni għall-kuntratti tal-gvern dwar prodotti militari mal-Ministeru għad-Difiża Russu. Il-kumpanija hija parti kritika tal-kumpless militari-industrijali Russu, li tiżviluppa u timmanifattura unitajiet tal-iċċarġjar awtomatizzati, bażijiet tal-iċċarġjar mobbli, unitajiet u impjanti tal-enerġija, tagħmir għall-kontroll tan-nar, u vetturi tal-kmand u tal-persunal. JSC "Electroavtomatika" tipprovdi kapaċitajiet komprensivi għal komunikazzjoni u kontroll siguri, li jagħmluha parti integrali mis-sistemi awtomatizzati ta' kontroll u komunikazzjoni tal-"Polyana-D4M1" ACS għall-koordinazzjoni tal-azzjonijiet tad-diviżjonijiet S-400. Għalhekk, JSC "Elektroavtomatika tappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
958.	Joint Stock Company "Pergam Engineering" bir-Russu: Акционерное общество "Пергам Инжиниринг"	Indirizz: Moscow, Olminskogo prospect, 3 A, Office 830 Post tar-reġistrazzjoni: 127254, Moscow, Ogorodny Prospekt, Building 5, Structure 4, Floor 3, Room 305 Data ta' reġistrazzjoni: 7.10.2002 OGRN: 1027700285612 INN: 7713226814 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	Joint Stock Company "Pergam Engineering" hija kumpanija Russa li tagħmel kummerċ ta' magni, apparati, apparat u tagħmir għal skopijiet industrijali ġenerali u speċjalizzati. Il-kumpanija timmanifattura sistemi ta' sigurtà għall-monitoraġġ ta' żoni kbar, inkluż is-sistema ta' immaġni termali "Pergam RTR-150", kif ukoll sistemi ta' sorveljanza u radar iddisinjati għal operazzjonijiet speċjali. "Pergam-Engineering" tagħmel kummerċ ukoll fi kwadrikotteri, bħall-kwadrikotteru DJI Matrice 30T. JSC "Pergam Engineering" akkwistat droni DJI Mavic 3 biex tappoġġa l-ħtiġijiet tal-Forzi Armati Russi. "Pergam-Engineering" hija sieħba fdata tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tar-Russja bħall-FSO, l-FSB, il-Ministeru għall-Affarijiet Interni, u l-intrapriżi fi ħdan il-kumpless militari u industrijali Russu, inkluż il-Main Intelligence Directorate. Għalhekk, Joint Stock Company "Pergam Engineering" hija manifattur u negozjant ta' sistemi ta' immaġni termali, kwadrikotteri, droni, sistemi ta' sorveljanza u radar, u hija parti mill-kumpless militari u industrijali tal-Federazzjoni Russa. Bħala fornitur ta' droni b'pilotaġġ immersiv (First Person View, FPV), kwadrikotteri, sistemi ta' sorveljanza, sistemi ta' immaġni termali u sistemi tar-radar lill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa, Joint Stock Company "Pergam Engineering" tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
959.	Joint Stock Company "Aluminium Metallurg Rus" magħrufa wkoll bħala AMR JSC bir-Russu: Акционерное общество "Алюминий Металлург Рус" magħrufa wkoll bħala AO "AMO"	Indirizz: 347045, Russian Federation, Rostov region, Belokalitvinsky district, Belaya Kalitva, Zavodskaya street, 1 Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 15.3.2004 Numru prinċipali ta' reġistrazzjoni tal-istat: 1047796161830 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7709534220 Kodiċi tar-raġuni tar-reġistrazzjoni: 614201001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	Joint Stock Company "Aluminium Metallurg Rus" hija intrapriża Russa ewlenija li tipproduċi foroġ u profili speċjalizzati tal-liga tal-aluminju għal applikazzjonijiet strutturali ta' tagħbija għolja kritiċi għall-kumpless militari u industrijali tar-Russja. Il-kumpanija għandha kuntratti kbar ta' provvista diretta li jaqbżu l-USD 166,8 miljun ma' manifatturi tad-difiża Russi soġġetti għal miżuri restrittivi inkluż Tupolev JSC, JSC Production Association "Strela", JSC Rocket and Space Centre "Progress", Stupinsky Trade House LLC, JSC Khrunichev Center, u l-All-Russian Scientific Research Institute of Aviation Materials. Mill-invażjoni fuq skala kbira tal-Ukrajna, ir-Russja sparat aktar minn 1 846 missila Kh-101, 211 missila Onyx, u 3 008 missila S-300/S-400 lejn l-Ukrajna. Dawn is-sistemi ta' armi jiddependu direttament fuq il-komponenti tal-Aluminju tal-Kumpanija b'Ishma Konġunti "Aluminium Metallurg Rus". Il-provvisti tal-kumpanija lill-manifatturi tal-missili tar-Russja jippermettu direttament attakki kontra l-integrità territorjali u l-popolazzjoni ċivili tal-Ukrajna Għalhekk, Joint Stock Company "Aluminium Metallurg Rus" tappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
960.	Joint-Stock Company "RESEARCH AND PRODUCTION COMPANY 'MICRAN'" bir-Russu: АО "НАУЧНО-ПРОИЗВОДСТВЕННАЯ ФИРМА 'МИКРАН'"	Indirizz: 634041, Russian Federation, Tomsk region, Tomsk, Kirov avenue, Building 51D Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: 634041, Russian Federation, Tomsk region, Tomsk, Kirov avenue, Building 51D Data ta' reġistrazzjoni: 30.4.2008 Numru prinċipali ta' reġistrazzjoni tal-istat: 1087017011113 Numru tal-identifikazzjoni tat-Taxxa: 7017211757 Kodiċi tar-raġuni tar-reġistrazzjoni: 701701001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	Joint Stock Company "RESEARCH AND PRODUCTION COMPANY 'MICRAN'" hija waħda mill-akbar manifatturi Russi ta' tagħmir tat-telekomunikazzjoni u ta' relay tar-radju, tagħmir tal-komunikazzjoni, sistemi ta' detezzjoni tal-UAVs, tagħmir ta' navigazzjoni, komponenti tal-microwave u tal-mikroelettronika, li topera kemm fis-suq ċivili kif ukoll taħt ordnijiet ta' difiża tal-istat. Bħala tali, il-kumpanija forniet prodotti għall-S-400 b'valur ta' USD 6,1 miljun lil PJSC "Saturn" bejn it-tielet trimestru tal-2024 u t-tieni trimestru tal-2025. PJSC "SATURN" tispeċjalizza fil-produzzjoni ta' prodotti għal sistemi u kumplessi ta' missili kontra l-inġenji tal-ajru. L-impjant installa linja robotika għall-produzzjoni ta' tagħmir radjuelettroniku għas-sistemi ta' missili S-400 kontra l-inġenji tal-ajru. Sa mill-bidu tal-invażjoni fuq skala kbira fl-2022, ir-Russja użat b'mod sistematiku s-sistemi ta' difiża tal-ajru S-300 u S-400 f'attakki bil-missili kontra l-infrastruttura ċivili. Għalhekk, Joint Stock Company "RESEARCH AND PRODUCTION COMPANY 'MICRAN'" tappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
961.	Joint-Stock Company "KNG-MASHINOSTROYTELNY ZAVOD SERVICE" magħrufa wkoll bħala AO "KNG MashZavodServis" bir-Russu: Акционерное Общество "КНГ-МАШИНОСТРОИТЕЛЬНЫЙ ЗАВОД СЕРВИС" magħrufa wkoll bħala АО КНГ-Машзаводсервис	Indirizz: 353265 Krasnodarskiy Krai, Severskiy Rayon, Chernomorskiy, ul. Sovietskaya 38 Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 2348007263 Data ta' reġistrazzjoni: 22.4.1994 Tel: +7 (495) 229-47-21; +7 (861) 201-77-78 Posta elettronika: kng-mzs@rn-npo.ru	Joint-Stock Company "KNG-MASHINOSTROYTELNY ZAVOD SERVICE"hija kumpanija Russa attiva fis-settur tal-enerġija, li tipproduċi u ssewwi tagħmir fil-qasam taż-żejt u tal-gass. Joint-Stock Company "KNG-MASHINOSTROYTELNY ZAVOD SERVICE" hija sussidjarja ta' ROSNEFT u hija ġestita permezz ta' LLC "RN-Remont NPO". Is-settur tal-enerġija, speċjalment iż-żejt u l-gass, jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Joint-Stock Company "KNG-MASHINOSTROYTELNY ZAVOD SERVICE" hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
962.	LLC "KB LIS"; magħrufa wkoll bħala Limited Liability Company "KB LIS" magħrufa wkoll bħala Design Bureau magħrufa wkoll bħala "Hydrangea" Design Bureau magħrufa wkoll bħala Hydrangea magħrufa wkoll bħala "Hortensia" Design Bureau magħrufa wkoll bħala Hortensia magħrufa wkoll bħala Gortensia magħrufa wkoll bħala Gortenziya bir-Russu: ООО "КБ ЛИС" magħrufa wkoll bħala Общество с Ограниченной Ответственностью	Indirizz: 188640, Leningrad Region, Vsevolozhsk, Vsevolozhsky Ave. 17, room. 511 Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 14.4.2023 Numru tar-reġistrazzjoni: 1234700008982 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation INN: 4706059162 KPP: 470601001	LLC "KB LIS", magħrufa wkoll bħala l-"Hydrangea" Design Bureau, hija manifattur Russu tal-UAVs. Il-prodotti ewlenin tagħha huma d-droni tal-ġlied FPV "Hydrangea" – Hydrangea-7 u Hydrangea-10, li ilhom jintużaw b'mod estiż mill-forzi Russi fl-Ukrajna mill-2022. Dawn is-sistemi huma prodotti fi kwantitajiet kbar b'kapaċità sa 3 000 unità fix-xahar. L-operazzjonijiet tal-kumpanija huma marbuta mill-qrib mal-kumpless militari u industrijali tar-Russja, bid-droni Hydrangea ddisinjati għar-rikonjizzjoni, l-attakki kamikaze, il-bumbardament, u l-estrazzjoni minerarja mill-bogħod, b'karatteristiċi bħal tagħbijiet utli modulari, u r-reżistenza għall-gwerra elettronika. LLC "KB LIS" tappoġġa wkoll lill-forzi Russi billi tipprovdi servizzi fuq il-kamp tal-battalja bħal assemblaġġ lokalizzat, appoġġ tekniku, u timijiet ta' taħriġ li joperaw qrib il-front. L-iżvilupp u l-użu ta' droni "Hydrangea", mgħammra b'tagħbijiet utli bħal lanċaturi tal-granati RPG-26 u sistemi ta' kontroll tal-fibra ottika reżistenti, jissottolinjaw is-sinerġija bejn il-kumpanija u l-ispinta tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa biex jespandi l-kapaċitajiet tal-gwerra mingħajr bdot abbord. Għalhekk, LLC "KB LIS" qed tappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi tkun involuta fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
963.	Limited Liability Company "Russian Air Transport Laboratory" magħrufa wkoll bħala RLVT LLC, LLC Russkaya Laboratoriya Vozdushnogo Transporta bir-Russu: Общество с ограниченной ответственностью "Русская лаборатория воздушного транспорта" magħrufa wkoll bħala ООО "РЛВТ"	Indirizz: Russian Federation, 300026, Tula region, Tula city district, Tula, Ryazanskaya street, 3D, office 3 Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 28.9.2022 Numru tar-reġistrazzjoni: 1227100012369 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation INN: 7100027464 KPP: 710001001	Limited Liability Company "Russian Air Transport Laboratory" hija żviluppatur u manifattur Russu ta' droni, inkluż droni ta' attakk. Il-prodotti tagħha jinkludu droni b'pilotaġġ immersiv (First Person View, FPV) Ovod (Gadfly). Dawn id-droni ġew dokumentati f'operazzjonijiet ta' ġlied, inkluż attakki tal-grupp tan-Nofsinhar ta' truppi tal-Forzi Armati Russi fuq pożizzjonijiet Ukreni qrib Avdiivka fl-4 ta' Lulju 2023, b'evidenza bil-vidjo li tikkonferma l-użu tagħhom fil-kamp tal-battalja. Għalhekk, Limited Liability Company "Russian Air Transport Laboratory" tifforma parti mill-kumpless militari u industrijali tar-Russja.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
964.	LLC Engels Instrumentation Association "Signal" magħrufa wkoll bħala EPO Signal LLC magħrufa wkoll bħala Engelsskoe Priborostroitelnoe Obyedinenie Signal bir-Russu: Общество с ограниченной ответственностью Энгельсское приборостроительное объединение "Сигнал" magħrufa wkoll bħala ЭПО "Сигнал"	Indirizz: 413119, Russian Federation, Saratov region, Engels district, Privolzhsky settlement, Engels-19 Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 25.7.2002 Numru tar-reġistrazzjoni: 1026401974972 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation INN: 6449042991 KPP: 644901001	LLC Engels Instrumentation Association "Signal" hija żviluppatur u manifattur ta' komponenti, inkluż għall-armi u l-industrija tal-inġenji tal-ajru. B'mod partikolari, il-kumpanija hija involuta fil-produzzjoni tas-sistema ta' gwida optoelettronika "Otblesk-U" tal-missila Kh-101. Dawk il-missili jintużaw mill-militar Russu biex jattakka bersalli fl-Ukrajna. Għalhekk, LLC Engels Instrumentation Association "Signal" qed tappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
965.	LLC ETS ELECTRONICS magħrufa wkoll bħala LLC "Ets Electronics" bir-Russu: ООО "Етс Электроникс" magħrufa wkoll bħala ООО "ЕТС ЭЛЕКТРОНИКС"	Indirizz: Russian Federation, 121354, Moscow, Dorogobuzhskaya str., 14 building 40, floor 2 office 104 Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 8.4.2021 Numru tar-reġistrazzjoni: 1217700168267 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation INN: 9731077911 KPP: 773101001 Sit web: https://etcelectronics.ru/; https://www.etcelectronics.net/	LLC ETS Electronics hija fornitur Russu ta' komponenti elettroniċi u bordijiet ta' ċirkwiti stampati. LLC ETS Electronics ibbażata f'Moska timporta komponenti, inkluż bordijiet ta' ċirkwiti stampati, minn manifatturi barranin permezz tal-kumpanija Ċiniża ETC Electronics Limited. Il-kumpanija tforni dawk il-komponenti għal ħafna industriji, inkluż għall-kumpless militari u industrijali. Għalhekk, LLC ETS Electronics tappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
966.	Joint-stock Company IPK FINVAL magħrufa wkoll bħala IPK FINVAL JSC bir-Russu: Акционерное Общество "ИПК 'Финвал'" magħrufa wkoll bħala АО "ИПК 'ФИНВАЛ'"	Indirizz: 107140, Moscow, Moskovsko-Kazansky Lane, 11-15, floor/room 1/7 Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: 107140, Moscow, Moskovsko-Kazansky Lane, 11-15, floor/room 1/7 Data ta' reġistrazzjoni: 28.10.2014 Numru prinċipali ta' reġistrazzjoni tal-istat: 5147746279621 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7722860417 Kodiċi tar-raġuni tar-reġistrazzjoni: 770801001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	Joint Stock Company IPK FINVAL hija l-akbar importatur tar-Russja ta' għodod bil-magna CNC barranin, faċilitatur kritiku tal-kumpless militari u industrijali tar-Russja u l-kapaċitajiet tal-produzzjoni tal-armi użati kontra l-Ukrajna. Il-produzzjoni Russa tal-armi tiddependi b'mod kritiku fuq għodod bil-magna CNC importati minħabba n-nuqqas ta' kapaċitajiet domestiċi ta' manifattura ta' preċiżjoni. L-armi Russi kollha, minn komponenti tad-droni sa żennuni ta' missili ballistiċi, huma manifatturati fuq makkinarju kkontrollat minn barra l-pajjiż li Joint-Stock Company IPK FINVAL tforni sistematikament lil intraprizi tad-difiża soġġetti għal miżuri restrittivi. Il-kumpanija żżomm kuntratti ta' provvista li jeċċedu USD 27 miljun mal-manifatturi tal-armi l-aktar kritiċi tar-Russja. Il-provvista sistematika ta' tagħmir ta' preċiżjoni tal-Punent minn Joint-Stock Company IPK FINVAL tippermetti direttament it-tkomplija tal-produzzjoni militari tar-Russja u l-attakki kontra l-integrità territorjali tal-Ukrajna. Għalhekk, Joint-Stock Company IPK FINVALtappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
967.	Joint Stock Company "Red October Corporation" bir-Russu: АО "Корпорация Красный Октябрь"	Indirizz: 400007, Russian Federation, Volgograd Region, Volgograd, Lenin Avenue, 110, Room 4.20 Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 8.6.2020 Numru prinċipali ta' reġistrazzjoni tal-istat: 11203400006072 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 3459080648 Kodiċi tar-raġuni tar-reġistrazzjoni: 345901001 Post prinċipali tan-negozju: Volgograd, Russian Federation	Joint Stock Company "Red October Corporation" hija waħda mill-akbar produtturi tal-azzar speċjalizzat tar-Russja, li tipproduċi 40 % mit-total tal-azzar inossidabbli tal-pajjiż. Il-kumpanija tikkontrolla sa żewġ terzi tal-produzzjoni Russa ta' azzar u ligi speċjali użati f'sistemi ta' armi, inkluż azzar korazzat. Joint Stock Company "Red October Corporation" għandha liċenzji mill-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ tal-Federazzjoni Russa li jawtorizzaw l-iżvilupp, il-produzzjoni, l-ittestjar, il-manutenzjoni u l-bejgħ ta' armi, tagħmir militari u munizzjon, kif ukoll l-iżvilupp, il-produzzjoni, l-ittestjar u t-tiswija ta' tagħmir tal-avjazzjoni. Il-kumpanija żviluppat azzar korazzat għall-pjattaforma tat-tankijiet T-14 Armata tar-Russja u forniet azzar speċjalizzat lir-Russian Aircraft Corporation MiG għall-produzzjoni ta' inġenji tal-ajru militari. Għalhekk, Joint Stock Company "Red October Corporation" tappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
968.	PJSC "Bank 'Saint Petersburg'" bir-Russu: ПАО "Банк 'Санкт-Петербург'"	Indirizz: 195112, St. Petersburg, Malokhtinsky Ave., 64A Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Pubbliċi Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 3.10.1990 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7831000027 KPP: 780601001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Telefown: +7 (812) 339-50-79; +7 (812) 329-50-00 Posta elettronika: natalya.s.goncharenko@bspb.ru Sit web: http://www.bspb.ru	PJSC "Bank 'Saint Petersburg'" huwa l-akbar bank universali bi sjieda privata fir-Russja. Għandu rwol importanti fl-iżvilupp tas-sistema bankarja Russa. PJSC "Bank 'Saint Petersburg'" huwa inkluż fil-lista tal-aktar banek importanti fis-suq tas-servizzi ta' pagament mill-Bank Ċentrali tar-Russja. Il-bank huwa attiv f'għodod ta' finanzjament tal-SMEs appoġġati mill-istat, promossi mill-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, PJSC "Bank 'Saint Petersburg'" huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
969.	Astute Maritime Services Private Limited	Tip ta' entità: Kumpanija tat-tbaħħir Post tar-reġistrazzjoni: 03-32, Nordic European Centre 3, International Business Park Singapore, Republic of Singapore, 609927 Numru tal-OMI: 6266269 Post prinċipali tan-negozju: Singapore	Astute Maritime Services Private Limited hija kumpanija tat-tbaħħir ibbażata f'Singapore speċjalizzata fil-forniment ta' appoġġ tekniku. Il-kumpanija hija rreġistrata bħala l-Maniġer Tekniku ta' bastiment wieħed li jittrasporta żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum li joriġinaw mir-Russja jew li qed jiġu esportati mir-Russja, u tipprattika prattiki ta' tbaħħir irregolari u ta' riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
970.	Hua Xia Shipmanagement Company Limited	Tip ta' entità: Kumpanija tat-tbaħħir Post tar-reġistrazzjoni: Room 2-502, Building 140, 130, Minjiang Lu, Shinan Qu, Qingdao, Shandong, People's Republic of China Numru tal-OMI: 0011791 Post prinċipali tan-negozju: People's Republic of China	Hua Xia Shipmanagement Company Limited hija kumpanija tat-tbaħħir ibbażata fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina speċjalizzata fil-forniment ta' appoġġ tekniku. Il-kumpanija hija rreġistrata bħala l-Maniġer Tekniku ta' bastiment wieħed li jittrasporta żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum li joriġinaw mir-Russja jew li qed jiġu esportati mir-Russja, u li tipprattika prattiki ta' tbaħħir irregolari u ta' riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
971.	GV Gold magħrufa wkoll bħala JSC Vysochaishy bir-Russu: АО "Высочайший" magħrufa wkoll bħala Акционерное Общество "Высочайший"	Indirizz: Berezovaya st 17, Bodaibo, Russian Federation; Uritskogo st 97, Bodaibo, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 19.11.2002 OGRN: 1023800732878 INN: 3802008553 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	GV Gold hija kumpanija Russa tal-estrazzjoni tad-deheb, li hija kklassifikata fost l-akbar għaxar kumpaniji tal-estrazzjoni tad-deheb fil-Federazzjoni Russa. Hija topera diversi minjieri tad-deheb fir-Russja. L-esportazzjoni ta' metalli prezzjużi hija waħda mill-aktar sorsi sinifikanti ta' dħul tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Mill-2025, ir-Russja hija t-tieni l-akbar pajjiż produttur tad-deheb fid-dinja. Għalhekk, GV Gold hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
972.	JSC Pavlik magħrufa wkoll bħala JSC Gold Mining Company "Pavlik" magħruf ukoll bħala Pavlik bir-Russu: АО "Павлик" magħrufa wkoll bħala Акционерное Общество "Золоторудная Компания Павлик"	Indirizz: Lenin st 12, Magadan, Russia Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Magadan, Russia Data ta' reġistrazzjoni: 16.10.2002 OGRN: 1024900957399 INN: 4900000681 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	JSC Pavlik hija waħda mill-akbar kumpaniji Russi tal-estrazzjoni tad-deheb fil-Lvant Imbiegħed, li hija kklassifikata fost l-akbar għaxar kumpaniji tal-estrazzjoni tad-deheb fil-Federazzjoni Russa. Hija għandha liċenzja għall-ipprospettar, l-esplorazzjoni u l-estrazzjoni tal-mineral tad-deheb fid-depożitu ta' Pavlik fir-Reġjun ta' Magadan. L-esportazzjoni ta' metalli prezzjużi hija waħda mill-aktar sorsi sinifikanti ta' dħul tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Mill-2025, ir-Russja hija t-tieni l-akbar pajjiż produttur tad-deheb fid-dinja. Għalhekk, JSC Pavlik hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
973.	PJSC Yuzhuralzoloto Group of Companies magħrufa wkoll bħala Yuzhuralzoloto magħrufa wkoll bħala UGC bir-Russu: ПАО "ЮГК" magħrufa wkoll bħala Публичное Акционерное Общество "Южуралзолото Группа Компаний" magħrufa wkoll bħala Южуралзолото	Indirizz: Central Mine, Plast, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Pubbliċi Post tar-reġistrazzjoni: Plast, Russia Data ta' reġistrazzjoni: 19.6.2007 OGRN: 1077424000686 INN: 7424024375 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	PJSC Yuzhuralzoloto Group of Companies hija waħda mill-akbar kumpaniji tal-estrazzjoni tad-deheb fil-Federazzjoni Russa. Hija topera diversi minjieri tad-deheb fir-Russja. L-esportazzjoni ta' metalli prezzjużi hija waħda mill-aktar sorsi sinifikanti ta' dħul tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Mill-2025, ir-Russja hija t-tieni l-akbar pajjiż produttur tad-deheb fid-dinja. Għalhekk, PJSC Yuzhuralzoloto Group of Companies hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
974.	JSC Kalmneftegaz magħrufa wkoll bħala Non-Public Joint Stock Company "Kalmyk Oil and Gas Company" bir-Russu: АО "Калмнефтегаз" magħrufa wkoll bħala Непубличное Акционерное общество "Калмыцкая Нефтегазовая Компания"	Indirizz: 358009, Republic of Kalmykia, Elista, 3rd microdistrict, 18V, Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 17.12.2002 Data tal-ħolqien: 11.3.2001 OGRN: 1020800767371 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 0814135906) Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Telefown: +7 (495) 988-17-93; +7 (927) 590-30-59 Fax: 988-17-94	PJSC Kalmneftegaz hija kumpanija Russa attiva fis-settur tal-enerġija. JSC Kalmneftegaz hija sussidjarja ta' PJSC Tatneft u hija involuta, b'mod partikolari, fit-tiftix u l-esplorazzjoni ta' siti taż-żejt u tal-gass fir-reġjuni tal-Kalmykia u tal-Kaspju. PSJC Tatneft hija waħda mill-akbar kumpaniji involuti fis-settur tal-enerġija Russu u, bħala waħda mill-akbar produtturi taż-żejt tar-Russja, għandha rwol importanti fl-iżvilupp u l-esportazzjoni tar-riżorsi taż-żejt tal-pajjiż. Is-settur tal-enerġija, speċjalment is-settur taż-żejt u l-gass, jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, JSC Kalmneftegaz hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
975.	Upravlyayushchaya Kompaniya UZTM KARTEKS magħrufa wkoll bħala UK UZTM KARTEX LLC bir-Russu: ОБ УЗТМ-КАРТЭКС	Indirizz: 123112, Moscow, 1st Krasnogvardeysky Ave., floor 34, Mercury Tower, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7727298791 Data ta' reġistrazzjoni: 30.8.2016	Upravlyayushchaya Kompaniya UZTM KARTEKS hija manifattur ewlieni ta' tagħmir għall-industriji tal-estrazzjoni, tal-kostruzzjoni, tal-enerġija u tal-metallurġija. Hija tiġġestixxi lil Uralmashplant OJSC u IZ-KARTEX imsemmija wara P.G. Korobokov Ltd. Is-setturi tal-estrazzjoni u tal-metallurġija jipprovdu sorsi sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Upravlyayushchaya Kompaniya UZTM KARTEKS hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
976.	Uralmashplant JSC magħrufa wkoll bħala Uralmashzavod JSC magħrufa wkoll bħala UZTM bir-Russu: ПАО Уралмашзавод magħrufa wkoll bħala УЗТТ	Indirizz: 620012, Ekaterinburg, Pervoy pyatiletki sq., Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 6663005798 Data ta' reġistrazzjoni: 19.11.2002 Sit web: www.uralmash.ru; www.uralmash-kartex.ru Posta elettronika: mail@uralmash.ru Telefown: +7 (343) 336-65-81; +7 (343) 336-68-40; +7 (343) 336-68-38; +7 (343) 336-63-58; +7 (343) 327-12-77	Uralmashplant JSC hija manifattur ewlieni ta' tagħmir għall-industriji tal-estrazzjoni, tal-metallurġija, tal-kostruzzjoni, u tal-enerġija. Is-setturi tal-estrazzjoni u tal-metallurġija jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Uralmashplant JSC hija involuta f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
977.	P.G. Korobkov IZ-KARTEX LLC bir-Russu: ООО ИЗ-КАРТЭКС имени П. Г. Коробкова	Indirizz: 196650 St. Petersburg, Izhora Plant ter., b. 40 c. 2, Russian Federation; Ulitsa Brat'yev Radchenko, St. Petersburg, Russian Federation, 196653 Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7817301375 Data ta' reġistrazzjoni: 7.12.2004	P.G. Korobkov IZ-KARTEX LLC (u l-fergħa tagħha, "IZ-KARTEX imsemmija wara P.G. Korobkov – Foundry Production LLC") hija l-akbar manifattur Russu ta' tagħmir għall-industrija minerarja u dik tal-metallurġija. Dawn is-setturi jipprovdu sorsi sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, P.G. Korobkov IZ-KARTEX LLC hija involuta f'setturi ekonomiċi li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
978.	Joint Stock Company "Aerodrommash" magħrufa wkoll bħala JSC "Aerodrommash" magħrufa wkoll bħala Joint Stock Company "Airdrome Machines" bir-Russu: Акционерное общество "Аэродроммаш" magħrufa wkoll bħala Акционерное общество "Аэродромные Машины"	Indirizz: 173526, Novgorod region, Novgorod district, RP. Pankovka, Industrialnaya str., d. 18, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 3.10.2002 Numru tar-reġistrazzjoni: 1025300785234 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 5321089063	Joint Stock Company "Aerodrommash" hija kumpanija Russa speċjalizzata fil-produzzjoni u l-manutenzjoni ta' sistema ta' llanċjar ta' inġenji tal-ajru, b'mod partikolari blalen tal-arja u airships. Għandha wkoll liċenzja għall-manutenzjoni tal-armi. Joint Stock Company "Aerodromash" qed tmexxi proġett għall-iżvilupp ta' pjattaforma stratosferika mingħajr bdot abbord, il-"Barrier-1", taħt l-awspiċji tar-Russian Foundation for Advanced Research. Din il-Fondazzjoni ġiet stabbilita skont il-liġi Russa u b'finanzjament mill-baġit federali Russu biex trawwem l-innovazzjoni fis-settur militari u industrijali Russu għall-benefiċċju tad-difiża nazzjonali Russa. Il-pjattaforma stratosferika mingħajr bdot abbord "Barrier-1" fl-aħħar mill-aħħar ser tkun ta' benefiċċju għall-forzi armati Russi billi tipprovdi aċċess għall-konnessjoni tal-Internet fl-Ukrajna u tippermetti attakki bil-vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord. Għalhekk, Joint Stock Company "Aerodrommash" qed tappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
979.	Limited Liability Company "Aquamarine Ship Management" magħrufa wkoll bħala LLC "Aquamarine Ship Management" bir-Russu: Общество с ограниченной ответственностью "Аквамарин Шип Менеджмент"	Indirizz: 353924, Krasnodar region, Novorossiysk, Lenin Ave., 95g, room. 9, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 17.1.2022 Numru tar-reġistrazzjoni: 1222300001208 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 2315223822 Numru tal-Liċenzja: 20122231458	Limited Liability Company "Aquamarine Ship Management" hija aġenzija ta' reklutaġġ Russa speċjalizzata fir-reklutaġġ ta' baħħara, b'mod partikolari għal tankers taż-żejt. Hija rreklutat baħħara għall-operazzjoni ta' bastimenti involuti fi prattiki perikolużi waqt li jittrasportaw żejt Russu, bħan-nuqqas ta' assigurazzjoni ta' responsabbiltà adegwata, it-twettiq ta' operazzjonijiet mhux sikuri, it-teħid intenzjonat ta' miżuri biex tiġi evitata d-detezzjoni tal-bastimenti bħat-tifi tas-Sistemi ta' Identifikazzjoni Awtomatika tagħhom jew in-nuqqas ta' operat skont politika ta' governanza korporattiva trasparenti li tiżgura l-benesseri u s-sikurezza ta' dawk abbord u l-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar. Għalhekk, Limited Liability Company "Aquamarine Ship Management" qed tipprovdi appoġġ lill-operat tal-bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum jew prodotti minerali li joriġinaw mir-Russja jew jiġu esportati mir-Russja u jipprattikaw prattiki ta' tbaħħir irregolari u ta' riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
980.	Nordgold Management LLC magħrufa wkoll bħala Nordgold bir-Russu: ООО "Нордголд Менеджмент" magħrufa wkoll bħala Нордголд	Indirizz: Leningradskoe 39, Moscow, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 1.7.2009 OGRN: 1097746381820 INN: 7713688946 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	Nordgold Management LLC hija kumpanija ewlenija li tipproduċi d-deheb fir-Russja, li topera portafoll globali tal-assi. Hija topera diversi minjieri tad-deheb fir-Russja. L-esportazzjoni ta' metalli prezzjużi hija waħda mill-aktar sorsi sinifikanti ta' dħul tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa, wara d-dħul miż-żejt u l-gass. Mill-2025, ir-Russja hija t-tieni l-akbar pajjiż li jipproduċi d-deheb fid-dinja. Għalhekk, Nordgold Management LLC hija involuta f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/1845/oj

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
981.	JSC "Realist Bank" bir-Russu: АО "Реалист Банк"	Indirizz: 4 Stanislavskogo st., Building 1, Moscow, 109004, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 5.12.1990 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 3801002781 KPP: 770901001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Sit web: https://realistbank.ru/	JSC "Realist Bank" huwa bank kummerċjali Russu bbażat f'Moska. Huwa kklassifikat fost l-aqwa 60 bank Russu skont id-daqs tal-assi. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, JSC "Realist Bank" huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
982.	JSC "Bank 'Agroros'" bir-Russu: АО "Банк 'Агророс'"	Indirizz: Chernyshevskogo Street 90, Saratov, Saratov Oblast, 410017, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 23.5.1994 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 6453033870 KPP: 645401001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Posta elettronika: info@agroros.ru	JSC "Bank 'Agroros'" huwa bank kummerċjali reġjonali Russu bil-kwartieri ġenerali tiegħu fir-reġjun ta' Saratov. Huwa kklassifikat fost l-akbar 30 bank fir-reġjun skont id-daqs tal-assi. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, JSC "Bank 'Agroros'" huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/1845/oj

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
983.	JSC Coalmetbank magħruf ukoll bħala JSC Uglemetbank bir-Russu: АО Углеметбанк	Indirizz: 17B Molodogvardeytsev Street, Chelyabinsk, Chelyabinsk Oblast, 454138, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 27.7.1994 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 4214005204 KPP: 744801001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Telefown: +7 (351) 220-53-82 Sit web: https://www.coalmetbank.ru/	JSC Coalmetbank huwa bank kummerċjali reġjonali bil-kwartieri ġenerali tiegħu fir-reġjun ta' Chelyabinsk tal-Federazzjoni Russa. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, JSC Coalmetbank huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
984.	JSC Royal Credit Bank bir-Russu: АО Роял Кредит Банк	Indirizz: 100-letiya Vladivostoku Avenue, House 155, 3rd Floor, Letter B, Vladivostok, Primorsky Krai, 690068, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 14.11.1990 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 2703006553 KPP: 254301001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Sit web: https://www.royal-bank.ru/	JSC Royal Credit Bank huwa bank kummerċjali reġjonali bbażat fil-Primorsky Krai tal-Federazzjoni Russa. Il-bank jopera fit-territorju okkupat temporanjament tal-Ukrajna. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, JSC Royal Credit Bank huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors konsiderevoli ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, JSC Royal Credit Bank qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.7.2026

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/1845/oj

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
985.	PJSC AKIBANK magħrufa wkoll bħala Joint-Stock Commercial Mortgage Bank "AKIBANK" (Public Joint-Stock Company) bir-Russu: ПАО "АКИБАНК" magħrufa wkoll bħala Акционерный Коммерческий Ипотечный Банк "АКИБАНК" (Публичное Акционерное Общество)	Indirizz: 88A Mira Avenue, Naberezhnye Chelny, Republic of Tatarstan, 423827, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Pubbliċi Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 25.11.1993 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 1650002455 KPP: 165001001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Posta elettronika: office@akibank.ru Sit web: https://www.akibank.ru/	PJSC AKIBANK huwa bank kummerċjali reġjonali bil-kwartieri ġenerali tiegħu fir-Repubblika ta' Tatarstan, il-Federazzjoni Russa. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, PJSC AKIBANK huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
986.	PJSC "Inter RAO UES" magħrufa wkoll bħala "Inter RAO" bir-Russu: Публичное Акционерное Общество "Интер РАО ЕС"	Indirizz: Ul. Bolshaya Pirogovskaya, D.27, K.2, Moscow, Moscow Oblast, 119435 Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 1.11.2002 Numru tar-reġistrazzjoni: 1022302933630 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Individwi assoċjati: Igor Ivanovich Sechin; Dmitry Evgenevich Shugaev; Sergey Georgievich Dregval Sit web: interrao.ru	PJSC "Inter RAO UES" hija waħda mill-akbar kumpaniji tal-enerġija tar-Russja, bi dħul fl-2023 li laħaq 1,36 triljun rublu, il-kumpanija għandha madwar 19-il miljun konsumatur. Hija kkontrollata mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. L-azzjonisti ta' PJSC "Inter RAO UES" jinkludu l-kumpaniji tal-istat "Rosseti" u "Rosneftegaz", waħda mill-akbar kontribwenti tad-dividendi għall-baġit tal-Federazzjoni Russa. Il-membri tal-Bord tad-Diretturi tal-kumpanija jinkludu persuni elenkati Igor Ivanovich Sechin, Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' "Rosneft" u alleat mill-qrib ta' Vladimir Putin, u Dmitry Evgenevich Shugaev, direttur tas-Servizz Federali għall-Kooperazzjoni Militari-Teknika tal-Federazzjoni Russa. Minħabba d-dħul għoli, l-importanza tagħha fis-settur tal-enerġija tar-Russja u l-kontroll mill-gvern, PJSC "Inter RAO UES" għandha rwol sinifikanti f'settur ekonomiku importanti fir-Russja u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa jiġbor parti mid-dħul tal-PJSC "InterRAO UES" permezz ta' taxxi u dividendi mħallsa mis-sidien tagħha. Għalhekk, PJSC "Inter RAO UES" qed tappoġġa finanzjarjament lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
987.	"Beget" LLC	Indirizz: Pl. Karla Faberge, 8B, office 726A, St. Petersburg, Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 22.10.2007 Numru tar-reġistrazzjoni: 1077847645590 Sit web: https://beget.com; beget.ru; beget.pro; beget-kz.com; бегет.рф; beserver.ru; beget.tech; beget.hosting; beget.de Individwi assoċjati: Aleksei Yuryevich Manikin; Aleksandr Yuryevich Iljin; Aleksandr Klukov	"Beget" LLC hija fornitur Russu magħruf sew tal-cloud u l-web hosting. Mill-2014, "Beget" LLC konxjament ipprovdiet servizzi, bħal servizzi tal-ospitar u ta' dominji, lil awtoritajiet illegali appoġġati mir-Russja, organizzazzjonijiet militarizzati u proġetti propagandisti, fil-Krimea, Donetsk u Luhansk annessi illegalment, kif ukoll lil għadd sinifikanti ta' kumpaniji tad-difiża Russi, inkluż xi entitajiet elenkati soġġetti għal miżuri restrittivi tal-Unjoni, rilevanti għall-isforzi tar-Russja biex tkompli l-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. "Beget" LLC tipprovdi lokazzjoni għad-dominju TLD ".su" (dominju tal-ogħla livell tal-kodiċi tal-pajjiż tal-Internet li ġie ddeżinjat għall-Unjoni Sovjetika fid-19 ta' Settembru 1990 u għadu attiv u użat). Għalhekk, "Beget" LLC qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, qed tappoġġa wkoll il-kumpless militari u industrijali tar-Russja u qed tfixkel b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK u r-Regolament (UE) Nru 833/2014.	23.7.2026".